MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Numru. 280/2003

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
vs
Godwin Manche'

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Godwin Manche, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 60169(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-13 ta' Frar, 2003 u fiz-zmien ta' qabel, fil-fond Supersound, Paola Square Paola, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq

u cioe' DVD's u dan bi ksur ta' artikolu 289(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca, jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh, jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' software tal-playstation bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' Twentieth Century Fox Film Corporation u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta' Sony Computer Entertainment Europe Ltd., a' 25, Golden Square, London, rapprezentata minn Dr Patrick J Galea LL.D. et hija rapprezentati, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U b'hekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta' L.N. 120/92;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti, Kif ukoll jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Godwin Manche' ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju, 2003 meta kienu qeghdin isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat jinsisti illi jrid jirregistra din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tieghu.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' dawn l-imputazzjonijiet, u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 298(1)(f), 298(b)(1) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Avviz Legali 120 tal-1992.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi irregistra ammissjoni sabiex b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-Ispettur Bernard Zarb fis-sens illi l-imputat ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni.

Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi l-imputat irrilaxxja lill-pulizija illi hu ikkopera ferm maghhom anke fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni u fil-fatt fl-istqarrija illi irrilaxxja huwa mal-ewwel irregistra ammissjoni.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat jekk jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati tal-imputazzjonijiet kollha kif diga intqal, ghall-prigunerija ta' sena, liema piena ghandha tkun sospiza ghall-sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghaliha hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Finalment il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha maqbuda mill-pulizija favur il-Gvern ta' Malta.

---------------------------------TMIEM---------------------------------